# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 548/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino)

vs

**Glanville Goodlip**

iben Joseph , imwieled Pieta', fis-26 ta' Jannar, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 66389(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Glanville Goodlip quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli nhar l-1 ta' Dicembru 2011 ghal habta tas-13:00hrs gewwa l-Universita' ta' Malta, l-Imsida, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo V. Sammut (I.D. 399957(M)), f'periklu car, ikkagunalu feriti ta' natura gravi;

2. Talli aggravat bil-fatt li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Carmelo V. Sammut (I.D. 399957(M)) kien fil-kariga ta’ Dekan tal-Fakulta’ tax-Xjenza gewwa l-Universita ta’ Malta u cioé Ufficjal Pubbliku, u/jew ufficjal membru f’korpi kostitwiti;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jiksru volontarjament il-bon ordni u il-kwiet pubbliku;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Dicembru, 2013 fejn il-Qorti fil-waqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-artikoli 68(2), 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€1000) ghal zmien sena mil-lum fil-konfront tal-Profs. Carmelo V. Sammut.

Fl-ahhar nett, tenut kont ta’ dak li nghad f’din is-sentenza, il-Qorti rrakomandat lil min ihaddem lill-imputat fil-prezent u lil min jista’ jhaddmu fil-futur sabiex l-impieg tal-istess imputat ma jigix pregudikat bl-ebda mod b’din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Glanville Goodlip ipprezentat fid-9 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha <u>tikkonferma</u> dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza u illiberatu minnha u <u>thassar</u> u <u>tikkancella</u> dik il- parti tas-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-2 ta Dicembru, 2013 fejn sabitu hati ta l-akkuzi u tilliberah minnhom jew alternattivament f’kaz ta konferma ta' htija ghandha tirriforma il-piena inflitta ghal wahda aktar miti u idoena fic-cirkostanzi u dan taht dawk il-kundizzjonijiet xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**Justin Azzopardi** (a fol. 30 et seq.)  xehed li huwa jahdem fil-Fakulta tax-Xjenza u li f'hin minnhom sema' hafna hoss ta' hornijiet u tisbit mal-bieb tal-Fakulta tal-Maths & Physics Building. Jghid li ra lill-parti leza mal-art b'daqqa fuq geddumu u fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Jispjega li seta' jara lill-imputat jigi mizmum minn xi studenti ohra peress illi l-imputat deher jipprova jhebb ghall-parti leza diversi drabi. Jghid: "[l-imputat] kien irrabjat hafna u frustrat jigifieri l-hin kollu beda jghid kliem oxxen" (a fol.33). Fl-ebda hin ma ighid  li ra l-incident jew x'wassal ghall-incident u ghaliex l-imputat kien irrabjat u ghalhekk ix-xhieda tieghu trid tittiehed bhal xhieda ex post facto.

**Darren Sammut** (a fol. 37 et seq.) xehed li kienu madwar hamsa u tletin persuna jiccelebraw u jghid li kien madwar 10-15 il-metru boghod minn fejn gara l-akkadut. Jispjega li fost daqq ta' hornijiet u storbju, l-istudenti marru jhabbtu mal-bieb tal-Maths & Physics Building, f'liema hin hareg il-parti leza irrabjat, kien hemm hsejjes ta' hornijiet u ra lill-parti leza jiehu b'mod aggressiv il-horn tal-imputat u jsabbtu mal-art. Jghid li ra lill-parti leza jaghti l-ewwel daqqa tant li ra n-nucalli tal-imputat jtir u jghid: "*u minn dak il-hin bazikament dawn gew qishom inghaqdu ma' xulxin*" (a fol. 41). Jghid: "*Kien hemm daqxejn ta' konfuzjoni. Minn dak il-hin bazikament jien kulma rajt kien imbuttar u forsi tixjir tal-idejn fejn f'daqqa wahda rajthom jaqghu go xulxin, spiccaw mal-art it-tnejn li huma*" (a f ol. 41). In kontro-ezami mistoqsi jikkonfermax li l-imputat beda jdoqq il-horn go widnejn il-parti leza, jghid li ma jafx.  Ma hemmx dubbju li din ix-xhieda tikkolobora dak li effeivament ighid l-imputat li ma kienx obbligat li jixhed u cioe' li kien il-parti leza li ghamel l ewwel passi billi hataf il-fog horn minn idjen l-imputat u jsabtu ma l-art. Jirrizulta ukoll li verament kien hemm hafna storbju molto piu' meta tqis li student kien hemm xi hamsa u tletin piu o meno.

L-imputat **Glanville Goodlip** (a fol. 103 et seq.)  spjega li fl-1 ta' Dicembru, 2011 kien ghadu kemm gradwa u li wahda mic-celebrazzjonijiet kienet li jieqfu l-Universita. Jghid li marru fejn il-Fakulta tax-Xjenza u bdew jaghmlu l-istorbju hemmhekk. Jispjega li wara xi hames minuti mar il-parti leza, li hu ma kien rah qatt qabel, u dan qalilhom biex jieqfu. Jghid li komplew ghaddejjin

u wara xi zewg minuti l-parti leza qabadlu l-fog horn minn idu u waddabulu ma l-art. Jghid: "*Jiena saqsejt ghalfejn ghamel hekk u dan filpront tani daqqa ta' ponn u qasamli mniehri. Kelli n-nuccali f'ghajnejja nahseb inkiser ghax tajjaruli minn wicci*" (a fol. 103). Jghid li kiser imniehru u li n-nuccali ma sabux. Jghid li ra li kellu xi demm ma' wiccu u x'hin ra lill-parti leza rega' sejjer jimbuttah u li: "*biex niddefendi lili nnifsi, kif ser nimbuttah gibidni mieghu u waqajt fuqu. Kif waqajt fuqu gew firduna shabi u bhal speci daqshekk.Waqfet hemm il-haga*" (a fol. 103).

In kontro-ezami jghid li kienu madwar tletin/erbghin persuna jiccelebraw. Jikkonferma li kienu qed jaghmlu hafna ghajjat u storbju u li kien hemm hoss ta' hornijiet. Jghid li x'hin mar il-parti leza, huma njorawh tant li baqghu jdoqqu u baqghu jiehdu pjacir. Jixhed li l-parti leza qabdu minn sidru u anke hu (l-imputat) qabad lill-parti leza minn sidru wkoll. Mistoqsi jghid xi kliem uza fil-konfront tal-pari leza, wiegeb: "Ma niftakarx, ma neskludihiex ghax bhal speci kien qasamli mniehri pero ma nistghax niftakar jiena x'ghidt dakinhar, ghaddew tmien xhur jigifieri" (a fol. 105). Jichad li l-parti leza nehhielu l-fog horn ghax ipprovokah. Jichad li daqq il-fog horn f'widnejn il-parti leza.  Ma hemmx  dubbju li verament pero' l-parti lesa qasmet l –imnieher ta l-imptuat u dan kif jirrizuta mic-certifikat mediku ezebit fl-atti.  Interessanti pero' li l-parti lesa meta xehdet ma tghid xejn dwar dan titkellem biss fuq il-feriti li sofriet hi.  Ghalhekk kuntarjament ghal kif spjega l-imputat fejn spjega dak kollu li sehh il-parti lesa ghazlet dak li kellha xi tghid.

Jinghad li dwar in-numru ta' studenti li kien hemm ma hemmx kontestazzjoni u dan ghaliex l imptuat jaqbel ma dak li qalu xhieda ohra dwar in numru pero l-prosekuzzjoni resqet biss student wiehed u dan fuq domanda tad-difiza u dan meta il-prosekuzzjoni  hija obbligat li ggib il –Qorti kemm il-provi favur kif ukoll kontra.

**Andrew Bajjada** (a fol. 107 et seq.) spjega li kien qed jiehu sehem fic-celebazzjoni tal-gradwazzjoni flimkien ma l-imputat u meta waslu u waqfu quddiem il-Fakulta tax-Xjenza, nizel il-parti leza u ghalaq il-bieb u tefa' l-horn ta' l-imputat mal-art u tajjarlu n-nuccali billi tah daqqa ta' ponn fuq wiccu b'konsegwenza ta' liema hareg id-demm minn imnieher l-imputat u l-imputat imbotta lill-parti leza lura u l-parti leza gibed lill-imputat u waqghu t-tnejn fl-art. Ighid li malli

gara hekk marru jifirduhom biex ma jkomplux jiggieldu. Jixhed li l-imputat kien qed jaghmel xi ftit ta' storbju quddiem id-Dipartiment.

In kontro-ezami jghid li l-parti leza darba waqqafhom. Ighid li wara li sakkar il-bieb, qalilhom biex jieqfu u huma ma waqfux. Jispjega li l-imputat kellu l-horn f'idejh u li kemm l-imputat u kif ukoll il-parti leza kienu aggressivi. Ighid li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza wara li l-parti leza tah daqqa ta' ponn.

**John Bonnici** (a fol. 126 et seq.) li sartilu riferenza ghal Dok. "VD 7" (a fol. 121 et seq.). Spjega li sema' hafna storbju u ferh ta' studenti jiccelebraw il-gradwazzjoni. Ighid li seta' jara lill-parti leza jiftah il-bieb u wara ra lill-parti leza jipprova jiehu l-fog horn minn id l-imputat u "*jew laqtu bi zball jew ma nafx hux apposta hadlu wiccu [lill-imputat*]" (a fol. 129). Ighid li l-imputat mbotta lill-parti leza, tefghu mal-art u beda jaghtih bil-ponn bl-addocc fuqu. In konro-ezami jghid li l-parti leza qabad lill-imputat bejn wiccu u ghonqu. Ighid li l-imputat kellu xi grif fuq imniehru. Jispjega li meta l-parti leza u l-imputat waqghu mal-art, il-parti leza kien mal-art u l-imputat kien fuqu. Ma setghax jikkonferma jekk l-imputat kienx qed idoqq il-horn f'widnejn jew f'wicc il-parti leza ghax kien hemm hafna li kienu qed idoqqu l-hornijiet.

Dawn huma il- provi prodoti li a bazi taghhom l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati. Ma hemmx dubbju li l-appellant ser iressaq id-difiza tal-provokazzjoni .

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta li l-Avukat Generali principalment akkuza lil imputat li kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Carmelo V. Sammut , u dan meta din il-persuna kellha il-kariga ta' Dekan tal-fakolta tax-Xjenza gewwa l-Universita' ta' Malta, talli kien parti f'attivita ta' gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jkisru volontarjament il buon ordni u il-kwiet tal pubbliku u talli voluntarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-paci pubblika.

Ta minn jfakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - pg. 234 Vol III*** ighid:

"*il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

L-appellant qed jikkontendi li l-Eweel Qorti kellha tapplika l-paragrafu (c) ta’ l-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali u cioe' li dak li gara, sehh fil-waqt li huwa kien taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha huwa ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu. L-appellant invoka wkoll l-iskriminanti tal-legittima difesa.

L-**artikolu 227(c)** jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

"*meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha."*

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li :

"*sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni istantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difesa fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:

"*the exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni istantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper*. U appuntu ghalhekk illi llum ghandna l-**artikolu 227(c),** sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata inkapaci li tifforma l-hsieb jekk jesistu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett offiza trid tkun rizultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali u ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe' bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded,* izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-**artikolu 227(c)** l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr l-**artikolu 227(a)** cioe' ferita gravi. Ghaldaqstant minhabba dan in-nuqqas jispetta lill-gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'ihnu l-kawza ta' provokazzjoni. Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe' mill-**artikolu 229**

"*kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew ecitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero' l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 ighid:

"*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba' lok, l-appellant jaghmel referenza ghall-**artikolu 235 tal-Kapitolu 9** u cioe' li ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe' l-**artikolu 227** u l-**artikolu 230** meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju 'sine qua non' li l-offiza saret immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jergha jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 ighid:

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

M'hemmx dubbju li l-imputat agixxa wara li l-allegat vitma is-sur Sammut kien hataflu l-fog horn minn idejh tghajjarlu in nuccali tax-xemx u giriflu imniehru. Kien biss wara li l-imputat spicca bid-demm fuq wiccu ifittex in-nuccali tieghu li is-Sur Sammut imbuttah ma' l-art, li waqqghu ma' l-artu u l-imputat irreagixxa. Dan hu l-kaz klassiku ta' provokazzjoni. Ma kienx gust li is-sur Sammut jagixxi kif agixxa molto piu' meta tqis li effetttivament kien il-jum ta' l-impuat jum li kien ilu jistenna hames snin. M'hemmx dubbju li l-allegat vittma kien irrabjat u mdejjaq ghaliex ma setax jahdem minhabba l-istorbju li kienu qed ighamlu l-istudenti u qabad u fegg fl-imputat.

Illi in vista tas-suespost id-difiza thoss li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra li l-ewwel Qorti gja sabitu hati taghhom. In oltre jinghad li t-tielet l-akkuza li inghatat fil-konfront ta' l-imputat u cioe' li ha parti f'gemgha sabiex jghamel sabeix jikser il paci pubblika ma tista qatt tirrizulta ghaleix din l-akkuza tapplika biss li kienu inghatat flimkien ma reat u mhux ma kontravenzjoni.

Bla pregudizzju ghas suespost l-imputat jilmenta ukoll mill-piena li f'dan il-kaz kienet eccessiva. Jinghad li l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk messu gie trattat bhala *a fist time offender* billi l-Qorti tapplika *probation order* jew *conditonal discharge* u mhux taghti piena

karcerarja sospiza u multa.  Din il-piena hija wisq harxa tenendo kont ic-cirkostanzi tal kaz.  Zgur li ma jistax jinghad li l-imputat huwa persuna ta' karattru refrattarju jew ta' biza' ghas-socjeta', l-imputat mhux xi kriminal li tilef il-gwida ta' hajtu izda jirrizulta li in pessima ipotesi agixxa in ecess fic-celebrazzjoni tal-gradwazzjoni tieghu u zgur ghalhekk li l-mens rea hija nieqsa minn kull sens. Illi in oltre, kif anke jirrizulta mix-xhieda tieghu, l-appellant ghandu impjieg fiss ta' kumpanija ta' awdituri stabbilita u li sentenza sospiza ta' prigunerija fic-cirkostanzi ser twassal biex l-appellant, li ghadu jibda l-hajja, u ghadu fil-fazi inizzjali tal-karriera tieghu,  jitlef il-warrant ta' Awditur li huwa jippossjedi u b'hekk jissubixxi rovina liema bhalha, li xxejjen l-isforzi u is-sagrificcji kollha tieghu sabiex irnexxielha jiggradwa u jsib xoghol.  Ghalhekk il-piena moghtija ghandha tigi mibdula.

Rat ir-riposta tal-Avukat Generali tal-14 ta' April, 2014:

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari  l-esponent qed jecepixxi n-nullita tar-rikors tal-appell stante li mill-istess rikors ma jirrizultawx ir-ragunijiet tal-appell u dana hekk kif rikjest ad validatem a bazi tal-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif dejjem gie ritenut u huwa principju stabilit fil gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi in vista tal-applikabilita`tad-difiza tal-legittima difiza imqajjma mill-appellant, din tiddependi mill-ko-ezistenza ta' numru ta' kondizzjonijiet: li l-hsara mhedda tkun wahda ingusta, gravi u imminenti. Il-Profs. Anthony Mamo jirreferi ghal dawn il-kondizzjonijiet bhala lil-hsara mhedda

trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. Il-Prof Mamo jispjega l-kondizzjoni li *"the evil threatened must be ... inevitable"* hekk[1]:

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to coldblooded revenge, and not to legitimate defence: if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment, it could not be averted by other means …. In deciding whether there was actual necessity of selfdefence, the test should be 'subjective'. The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as he saw it at the time."

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi nevitabbli. Fir-rigward tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:

"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato."[2]

---

[1] Lectures in Criminal Law I, p. 103 – 104, University of Malta.
[2] Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, Giuffre` editore (Milano),1989, p.261.

F’dan ir-rigward tista’ wkoll tinsilet similarita` ta’ hsieb minn dak li ntqal mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa moghtija fis-16 ta’ Ottubru, 2003 fejn giet trattata d-difiza ta’ legittima difiza fil-kuntest ta’ l-artikolu 224(a) tal-Kodici Kriminali:
“ ‘Minaccja attwali’, apparti li tfisser minaccja prezenti, tfisser ukoll, fid-dawl ta’ dak li nghad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza, li jrid ikun beda jsir xi haga li ragonevolment u oggettivament x’aktarx iwassal ghal tali ksur, ghax anke f’sitwazzjoni simili wiehed jista’ jghid li “the property is being invaded”. Mhux bizzejjed, per ezempju, il-millanterija ta’ x’wiehed hu kapaci li jaghmel jew is-semplici theddid bil-kliem ta’ tali tkissir; mill-banda l-ohra ma hemmx ghalfejn li jkun sar tkissir materjali.”

Fil-kaz in ezami l-appellant jghid li Pofs Sammut tefalu l-fog horn ma l-art bla raguni ta` xejn, ghalkemm irridu nghidu li dan ghamlu peress li l-appellant beda jdoqqu f`widnejh b`konsegwenza li beda jweggaw, ghalhekk seta’ anke kien irrabjat ghal fatt li l-fog horn tieghu issa spicca mwaddab ma l-art, izda nonostante, ic-cirkostanzi li fihom sehh dan l-incident ma jirrispekkjawx ic-cirkostanzi, jew ahjar, il-kondizzjonijiet li l-ligi u il-gurisprudenza taghna jridu li jezistu biex tkun tista’ tirnexxi d-difiza tal-legittima difiza. Ic-cirkostanzi f’dan il-kaz juru li meta sehh l-incident, Profs Sammut ma kien qieghed jaghmel l-ebda aggressjoni lill-appellant. F’dak il-mument ma kien hemm l-ebda minaccja attwali, kif l-anqas il-bidu ta’ minaccja, ghall-inkolumita` ta’ l-appellant jew ta’ haddiehor u dan kif ben sew qalet l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ta` 2 ta` Dicembru 2013. Ghaldastant dan l-aggravju ghandu jigi michud.

L-appellant jissottometti wkoll li hu kien qieghed jagixxi taht provokazzjoni u dan minhabba l-fatt li l-parti leza Profs. Sammut qabadlu l-fog horn minn idu u waddabulu mal-art. L-appellant ghalhekk jikkontendi li hu gie provokat li jagixxi kif agixxa. Ghalkemm huwa minnu li Profs. Sammut waddablu l-fog horn ma l-art, b’dankollu ma jfissirx li dak li ghamel l-appellant hu skuzabbli f’ghajnejn il-ligi. Il-fatt li Profs Sammut kellu l-appellant jdoqq il-fog horn dirett ghal go widnejh u wissieh sabiex jieqaf izda l-appellant xorta wahda baqa ghaddej u huwa hadilu min idejh ma jistax jinghad li kien hemm raguni biex l-offiża volontarja fuq il-persuna tkun skużabbli taht l-artikolu 230 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Biex provokazzjonijiet ohra jkunu jistghu jitqiesu bhala skuzanti jridu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha tal-proviso tal-paragrafu (c) ta`

l-artikolu 227 ta` l-istess Kodici. Fost dawn ir-rekwiziti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali illi f`nies ta` temperament ordinarju komunement iggib l-effet li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Il-kriterju, ghalhekk, huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta` temperament ordinarju. L-esponent, ghalhekk, ma jistax jifhem kif il-fatt li l-Profs Sammut waddablu l-fog horn ma l-art, f`pajjiz civili u demokratiku, iwassal bniedem ta` temperament ordinarju, anke jekk ta` temperament mediterranju, li jintilef b'tali mod li ma jkunx jista` jirrifletti dwar il-konsegwenzi ta` ghemilu. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in dizamina, u ghar-ragunijiet appena mfissra dak li ghamel l-appellant m`ghandux jibbenefikax mill-iskuza tal-ligi. Ghaldastant dan l-aggravju ghandu jigi michud;

Illi fir-rigward tat-tielet akkuza rrizulta li l-gemgha li kien fiha l-imputat kien fiha aktar minn ghaxra minn nies u jirrizulta wkoll li bl-atteggjament tieghu, l-imputat qabez il-linja ta' dik li tista' tissejjah bhala celebrazzjoni civili fejn wiehed ikun qed jiccelebra l-jum tal-gradwazzjoni tieghu u dan ghaliex kieku kien hemm bilanc min-naha tal-appellant zgur li ma kienx ikkolna tali incident fejn persuna sfat imwegga.  Kif ben sew qalet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ta` 2 ta `Dicembru, 2013, ic-celebrazzjonijiet ghandhom dejjem jirrispettaw il-bon-ordni u il-kwiet pubbliku u b'dak li gara dak in-nhar tal-1 ta' Dicembru, 2011 fl-Universita m'hemmx dubju li dan ma giex rispettat u ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu wkoll jigi michud.

Illi rigwardanti l-piena imposta fuq l-appellant, din hija wahda fil-parametri rikjesti mill-ligi u tirrifletti l-gravita` tar-reat kommess. Minbarra l-fatt li r-reati addebitati lill-appellant huma ta' natura serja u ndubjament jimmeritaw il-piena nflitta, ghandu wkoll jintbaghat messagg car li jum il-gradwazzjoni ma jezenta lil hadd milli jkun responsabbli ghal eghmilu.

Illi huwa wkoll prinċipju ormai stabbilit li ladarba l-piena nflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mil-liġi, allura huwa indesiderabbli li l-Qorti superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-ewwel Qorti skont l-liġi.

Dan il-prinċipju ormai huwa ben stabbilit kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Ghaldaqstant u in vista ta` suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti fliet l-atti kollha ta' dan l-appell. Illi l-ewwel Qorti stqarret li l-versjoni moghtija mill-parte civile ghandha iktar mis-sewwa u din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti waslet ragonevolment u legal ment ghal din il-konkluzjoni. L-appellant kien gie mwissi biex jiddesisti mill-imgieba tieghu u mhux talli ma tax kaz izda kompla. L-appellant jsostni li hu agixxa in legittima difeza jew ghaliex hu gie ipprovokat mill-parte civile. Dan iz-zewg tematici gew analizzati mill-ewwel Qorti li min-naha taghha mhiex tal-fehma li la hemm il-legittima difeza wisq anqas li l-appellant gie pprovokat mill-parte civle. Ghalhekk, l-aggravji li ghandhom x'jaqsmu mal-ewwel akkuza ma jistghux jigu milqugha.

Illi dwar it-tielet akkauzat din il-Qorti rat l-atti u mid-dinamika tal-incident hu car li din il-gemgha ma kellhomx il-hsieb li volontarjament jiksru l-bon ordni jew il-paci pubblika. Ma ninsewx li dak li gara hi haga li ssir regolarment kull sena meta l-istudenti jiggradwaw. Kieku l-hsieb ta' dawn l-istudenti, nkluz l-appellant, kien li riedu jidhlu fil-fakulta' biex ikissru jew jaghmlu hsara l-kwisrjoni kienet tiehu xejra ohra. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxielie x jipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Glanville Goodlip dwar l-ewwel u ir-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar it-tielet akkuza. Tilqa l-appell ta' l-appellant, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lil Glanville Goodlip minn kull htija u piena. Tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma

jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.  Tikkonferma l-garanzija mposta mill-ewwel Qorti.